Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

**Fine Refusal: IF0263/21-D**
**Multa Imponuta fuq: Annalise Vella**

**Deskrizzjoni ta' Multa: Nhar it-Tnejn, 8 ta' Marza 2021, ghall-habta tal-1130 ta filghodu fi Triq il-Palma, f'Rahal il-Gdid, il-vettura bil-pjanci ADR022 kienet qed tigbor, titrasporta uthallat fl-istess kompartament skart organiku u skart imhallat, bi ksur tar-Regolamenti Dwar l-Iskart LS549.63. Din il-vettura kien kellha registrazzjoni ma' l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi permezz ta' GBR/12/00644/20 f'isem is-Sa Annalise Vella**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
15 SEP 2021
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

Rikors ta Appell ta' Annalise Vella (KI: 149088M)

Illi permezz ta' decizjoni datata fit-23 ta' Awwissu 2021, liema decizjoni giet ikkomunikata lill-esponenti fis-26 ta' Awwissu 2021, li l-Bord ma kienx laqa s-sottomissjonijiet taghha fir-rigward tal-impozizzjoni tal-penali amministrattiva w ghalhekk kien qieghed jikkonferma l-istess penali amministrattiva;

Illi l-esponenti hassitha aggravata minn dik id-decizjoni u minnha qieghda timponi dan l-umli appell taghha quddiem it-Tribunal Ghar-Revizjoni tal-Ambejnt u l-Ippjanar liema appell huwa bbazat fuq is-segwenti:

Illi ghalkemm huwa minnu li l-esponenti hija propjetarja tal-vettura u cioe ADR022 u filwaqt li huwa minnu li tali vettura hija vettura intiza ghall-gbir tal-iskart, ma huwiex minnu pero dik il-parti tal-akkuza li l-iskart kien qieghed jigi imhallat fl-istess kompartamenti tal-vettura in kwistjoni;

Illi dan ghandu jirrizulta ampjament car waqt il-gbir tal-provi ta' dan l-appell u cioe mill-haddiema tal-appellanti;

In oltre l-iskart in kwistjoni jigi ddepozitat f'impjant tas-socjeta Wasteserv, fejn id-depozitu tal-iskart huwa sorveljat u kkontrollat, anke tramite sistema ta' security cameras u kwindi gia la darba la lanqas ma rrizulta minn Wasteserv li l-vettura in kwistjoni dakinhar iddepozitat skart imhallat kif allegat allura wiehed lanqas ma jista jasal biex jifhem kif l-ERA harget tali penali anke fid-dawl ta nuqqas ta provi cari (ta lanqas l-ebda forma ta' prova ma giet sottomessa lill-appellanti);

In oltre huwa principju legali li minn jallega ghandu jipprova u kwindi l-onus tal-prova kienet dejjem fuq l-ERA li kellha tressaq il-quddiem provi cari ta' allegat ksur, liema fl-umli fhema tal-esponenti qatt ma tresqu u kwindi skond l-esponenti din l-allegazzjoni qatt ma setghet tigi pruvata;

Illi ghalhekk l-esponenti umilment titlob li l-appell taghha jigi milqugh, filwaqt li l-esponenti tigi liberata minn din l-akkuza u tigi rrevoka u tithassar il-multa fuqha imponuta.

Avv Johnaton Abela
PH, JA Buildings, 14,
Censu Borg Street,
Hamrun
legal@alfaran.eu